# AVVIŻI

1. Nirringrazzaw lil dawk kollha li taw każ ta' l-appell tagħna biex jissiebhu fil-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Min għadu ma' ssehibx f'dan il-Moviment, jista' dejjem jakkwista formola ta' applikazzjoni mill-Girgenti jew jikteb lill-Editur ta' dan il-Fuljett:

**Bro. Victor Privitera**
**Stella Maris College,**
**Gzira.**
jew lil:
**Dr. Sylvana Spiteri L.L.D.**
**6/A2, Main Street,**
**Siġġiewi.**

2. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:

Il-Ħadd, 1 ta' Awissu fis-6.30 p.m.
Il-Ħadd, 15 ta' Awissu fis-6.30 p.m.
Il-Ħadd, 5 ta' Settembru fis-6.00 p.m.
Il-Ħadd, 19 ta' Settembru fil-5.30 p.m.
Il-Ħadd, 3 ta' Ottubru fil-5.00 p.m.
Il-Ħadd, 17 ta' Ottubru fil-5.00 p.m.
Il-Ħadd, 7 ta' Novembru fit-3.30 p.m.
Il-Ħadd, 21 ta' Novembru fit-3.30 p.m.
Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru fil-3.00 p.m.
Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru fit-3.00 p.m.

3. Jekk tridu tafu aktar fuq id-diskorsi li Ġuża Mifsud kienet tagħmel fil-Laqgħat ta' Talb, il-Girgenti, u l-messaġġi li kienet tgħaddilna, ftakru li hemm seba' kotba ippubblikati minn Dr. Sylvana Spiteri, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż. Dawn il-kotba jinsabu għall-bejgħ il-Girgenti.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 39 LULJU 1999 JITQASSAM BLA ĦLAS



Il-Laqgħa tat-2 ta' Mejju 1999

## "LEĦEN IL-GIRGENTI"

JAGĦLAQ GĦAXAR SNIN MAL-ĦARĠA TA' OTTUBRU 1999.
F'DAWN L-GĦAXAR SNIN TQASSMU B'XEJN MADWAR 50,000 KOPJA LI WASLU WKOLL F'PAJJIŻI BARRANIN SPEĊJALMENT L-AWSTRALJA.
NIRRINGRAZZJAW LIL DAWK KOLLHA LI B'XI MOD, IKKONTRIBWEW GĦAT-TIXRID TAD-DEVOZZJONI TAL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI U GĦENUNA NILĦQU L-GĦAN TA' DAN IL-FULJETT.

# IL-LAQGĦA TA' MEJJU 1999

Nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 1999, kien jaħbat it-tlettax-il anniversarju mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Għal dakinhar il-Kumitat tal-"Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni" organizza laqgħa ta' talb xierqa għal din l-okkażjoni.

Bħalma ġara tlettax-il sena qabel, il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ minn fuq it-Troll li jiġi fit-tarf tat-triq il-qadima. Minflok wara l-istatwa, id-devoti mxew wara l-bandalora u l-Kurċifiss. Matul il-pellegrinaġġ intqal ir-rużarju tat-tbatija u ġie offrut, fost affarijiet oħra, skond l-intenzjoni tal-Papa sabiex ikun hemm il-paċi fil-pajjiżi fejn hemm il-gwerer, b'mod speċjali fil-Kosovo u l-Jugoslavja.

Meta l-ġemgħa waslet fil-post tal-laqgħa tal-Girgenti, Mons. Buontempo għamel diskors qasir u s-Sur Mohnani kanta l-Innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. L-ewwel parti tal-laqgħa kompliet billi ntqalet il-viżita tal-Madonna (li kienet ikkomponiet Ġuża stess) u bejn talba u oħra kien hemm aktar kant ta' innijiet marjani mis-Sur Mohnani.

Imbagħad il-laqgħa kompliet biċ-ċerimonja tal-qanpiena, instema' diskors qasir b'leħen Ġuża Mifsud stess u nqara messaġġ li Ġuża kienet irrekordjat snin qabel u li jinsab fis-seba' ktieb f'paġna 243. Tkantaw diversi innijiet marjani mill-ġemgħa preżenti u l-laqgħa waslet fit-tmiem tagħha bit-talba tal-Konsagrazzjoni lill-Madonna, il-barka saċerdotali u l-kant tas-Salve Reġina bil-Latin.

Wieħed ma jsitax ma jgħidx li din il-laqgħa kellha attendenza numeruża ħafna *(ara ir-ritratt fl-ewwel paġna)* u l-paċi u l-ġabra li kien hemm matulha jibqgħu minquxa f'moħħ dawk kollha li kienu preżenti.

••• ••• ••• ••• •••



# ĠUŻA MIFSUD U D-DEHRIET TAL-MADONNA (1)

Ħafna nies li jiġu l-Girgenti, speċjalment dawk li bdew jiġu wara l-mewt ta' Ġuża Mifsud, aktarx jaħsbu li l-Madonna dehret lill-qaddejja tagħha xi darba jew darbtejn, fil-Wied tal-Girgenti u xejn aktar. Forsi jaħsbu li l-Madonna għamlet ma' Ġuża bħal ma għamlet f'dehriet oħra bħal ta' La Salette, Lourdes, Fatima u oħrajn, fejn in-numru ta' dehriet kien limitat.

Ma' Ġuża il-Madonna imxiet mod ieħor u dan, milli jidher, ma jafhux kulħadd. Ħafna mill-ġodda li jiġu l-Girgenti jistaqsu fejn dehret il-Madonna, għax ma jafux l-istorja tal-ġrajjiet tal-Girgenti; lanqas biss jafu fejn kienet tgħix Ġuża.

Għalhekk, biħsiebni nikteb xi artikoli fuq il-ħajja u l-kuntatti li Ġuża kellha mal-Madonna, tul ħajjitha kollha, u l-messaġġi li wasslitilna. B'hekk wieħed ikun jista' jifhem aħjar kif Ġuża kienet għexet fid-dar tagħha, is-Siġġiewi, waħedha; u naraw kif u kemm-il darba Ġuża kellha direttivi u tagħrif mill-Madonna, dawn is-snin kollha.

Jien se ninqeda bis-sensiela ta' kotba "Titular Ġdid ..." ippubblikati minn Dr. Sylvana Spiteri LL.D., li jinsabu għall-bejgħ il-Girgenti. Hemm seba' kotba bil-Malti u bl-Ingliz. F'dawn il-kotba hemm id-diskorsi u l-messaġġi ta' Ġuża, imħejjijin minnha stess għal-laqgħat ta' Talb li jsiru kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar.

Għalkemm Ġuża kienet tgħix waħedha, nistgħu ngħidu li s-"Sinjura tal-Ħajja" kienet tgħix magħha! Mhux biss, imma xi drabi kienet turi l-preżenza tagħha permezz ta' riħa qawwija ta' ward meta, fil-kmamar fejn jiltqgħu n-nies, ma kienx hemm ħlief fjuri artifiċjali. Ħafna drabi (kif għad naraw 'il quddiem) Ġuża kienet tisma' "il-leħen ħelu tal-Madonna". Darba meta kelli laqgħa privata magħha, jien staqsejt lil Ġuża kif il-Madonna kienet tkellimha. Mingħajr tlaqliq, hi weġbitni: "Meta jkollok telfonata, inti tisma' u ħaddieħor ma jismax!" Jien mill-ewwel fhimt li leħen il-Madonna kien leħen intern fl-intellett ta' Ġuża, imma kien leħen awtentiku u mhux immaġinat. Hekk il-Madonna kienet tidħol f'konversazzjoni ma' Ġuża u twieġeb għall-mistoqsijiet tagħha u ttiha tagħrif fuq dak li kien qed jiġri u se jiġri fid-dinja, kif ukoll, kienet tgħaddilha messaġġi għalina. Dan ifisser li Ġuża ma kinetx dejjem tara

lill-Madonna meta din kienet tkellimha; imma xi minn daqqiet, f'daqqa waħda, Ġuża kienet taraha quddiemha.

Għal ħafna snin, sa minn żgħożitha, ħadd, ħlief il-konfessuri tagħha, ma kien jaf bid-dehriet u l-messaġġi tal-Madonna lil Ġuża. Ma ninsewx li Ġuża ma kinetx ta' skola, kienet timida u ta' ftit kliem. F'waħda mill-laqgħat li kelli ma' Freddie Delia, wieħed mill-ewwel membri tal-Kumitat tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, sirt naf li meta Ġuża kienet ta' età żgħira, meta kienet tmur il-Girgenti biex tirgħa l-merħla fdata lilha, u tgħin lill-ġenituri tagħha fir-raba' kienet tinżel fil-wied mingħajr ma tagħti każ tal-kaċċaturi u xi nies oħra li kien hemm. Xejn kliem ma ħadd. Ta' min jaħseb li Ġuża ta' età żgħira, fil-kundizzjoni li fiha kienet tgħix, ma setgħetx tifhem l-importanza ta' dak li l-Madonna kienet qed tagħmel magħha, għal Malta u d-dinja. Imma meta aktar tard, il-konfessur tagħha, Mons. Salv Grima, ħeġġiġha biex ixxandar il-messaġġi tal-Madonna, Ġuża fetħet il-bieb tad-dar tagħha għan-nies li bdew jiffullaw għandha biex jisimgħuha u jitolbu magħha.

Fl-1986, fuq direttiva tal-Madonna, Ġuża tellgħet l-istatwa li hemm il-Girgenti, u bdiet tagħmel diskorsijiet li fihom żvelat dak li kien ġara fil-passat. Ir-reporters tal-gazetti ma damux ma jmorru jagħmlulha intervisti, u, Ġuża, ta' ġwejda li kienet, wieġbet għall-mistoqsijiet li għamlula, mingħajr ħabi u mingħajr ma basret li kienet se tqum polemika fil-ġurnali li ma għoġbitha xejn. Minn dakinhar 'il quddiem Ġuża ma ssogratx tgħid dak kollu li xtaqet tgħid. Infatti, ħafna drabi, wara li kienet tibda tgħidilna x'jista jiġri fil-ġejjieni, kienet tieqaf ħesrem u ma kinetx tkompli. Imma l-ebda biża' ma kien iwaqqafha meta kien hemm xi messaġġ li l-Madonna riditha tgħaddilna.

Minbarra 'l-Madonna, Ġuża kienet qalet li rat qaddisin u erwieħ oħra, bħal San Ġużepp, San Mikiel, San Pawl, Padre Pio, Dun Salv Grima (il-konfessur tagħha) u oħrajn. Għalhekk nistgħu ngħidu li Ġuża Mifsud hija każ speċjali li meta nidħlu fid-dettalji ta' ħajjitha, għad nindunaw kemm din ir-ruħ kienet għażiża għal Ġesù Ewkaristija u għas-"Sinjura tal-Ħajja".

F'għajnejha, Ġuża kienet tqis lilha nnifisha bħala "anqas mix-xejn". Kienet tidher bħala mara ġwejda, ħanina, umli u kollha mħabba għall-proxxmu. Imma quddiem il-Madonna, nistgħu naħsbu li Ġuża kienet tidher mimlija għerf sopranaturali u mħabba straordinarja lejn Ġesù Ewkaristija.

Fil-fuljetti li ġejjin se nġibu tagħrif fuq id-dehriet u l-messaġġi tal-Madonna, kif semmithomlna Ġuża stess.

Issa, naħsbu li Ġuża qegħda tgawdi lis-Sinjura tal-Ħajja u magħha tidħol għalina biex naqilgħu il-grazzji li għandna bżonn.

**L-Editur**



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**1. Każ speċjali ta' Donatella Galli, Taljana.**

Din is-sinjura kienet psikologa u taħdem ma' l-anzjani u l-inkapaċitati; ġiet Malta għand il-ħbieb biex tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet. Ħalliet rapport bit-Taljan.

**Ir-rapport:**

"Wara li erġajt lura minn Lourdes, ħassejt uġigħ kbir fi spallejja. F'Milan, mill-eżami ta' spallejja, irriżulta li dawn kienu ibbiesu b'depożitu ta' kalċju.

F'Awissu erġajt ġejt Malta għand il-ħbieb li fosthom kien hemm Andrew Cini, li kien ta' fidi kbira, mingħajr ma jien kont naf. Dan mar jitlob fuq il-qabar ta' Ġuża Mifsud. L-istess ġurnata, għal xi s-siegħa ta' wara nofsinhar, hu ġie miegħi għand il-Madonna tal-Girgenti.

Jiena waqaft fid-daħla għax deherli li l-Madonna ċaqalqet għajnejha u ħadet is-sura u xebħ ta' ommi li kienet mietet wara ħajja ta' ċaħda, wara li kienet baqgħet armla b'ħamest ibniet. Ippruvajt ma nagħtix każ għax ħsibt li kien effett tax-xemx, għalkemm ħassejtni stramba u maqtugħa mill-ambjent ta' madwari.

Andrew kien diġa wasal ħdejn il-Madonna, u jien ħaffift immur lejh. Jien ħassejt serħ kbir ġo fija u f'daqqa waħda leħen ħelu instema' jgħid: "Buon giorno!" Andrew resaq malajr lejn l-istatwa, minn fejn instema' ġej dak il-leħen, imma ma ra lil ħadd. Imbagħad, l-istess leħen (li jiena biss smajt) qal: "Il trapasso sarà dolce" (jiġifieri, l-uġigħ se jkun ħelu, sopportabbli).

Jiena dejjem inħoss uġigħ f'ġismi kollu, imma nkompli nagħti ruħi għall-anzjani u l-inkapaċitati, b'rassenjazzjoni kbira, ħaġa li qabel ma kontx nagħmel."

Dan ir-rapport kien iffirmat minn Donatella, u Andrew Cini bħala xhud.

**2. Rapport ta' Mary Briffa**

F'April li għadda, Mary Briffa tatna dan ir-rapport. It-tifel tat-tifla waqa' u intefħitlu l-għaksa ta' siequ. Ġiet l-ambulanza, għax qalulna li l-għaksa kienet miksura.

Peress li jiena n-nanna tat-tifel, tlabt ħafna lill-Madonna biex ma jkollux ksur u l-anqas bżonn ta' operazzjoni.

Il-Madonna semgħatni għax l-għaksa kemm kemm ixxaqqet biss. B'ringrazzjament lill-Madonna jien qassamt 40 santa tagħha.

Grazzi lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża.

## 3. Rapport ta' Maria Desira

Maria Desira baghtet xi flus bhala ringrazzjament għax għamlet operazzjoni tal-qalb li rnexxiet.

Maria qalet li trid tiġi żżur lill-Madonna tal-Girgenti biex tirringrazzjaha.

## 4. M. Borg tirraporta

M. Borg tgħid li kienet ġiet il-Girgenti biex titlob 'il-Madonna issibilha x-xogħol.

Wara ftit sabitulha u s'issa (April 1999) kienet ilha sitt xhur taħdem u qegħda għal qalba.

## 5. J. Gauci, minn B'Kara kiteb:

B'sens ta' gratitudni nirringrazzja lill-ħanin Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni ta' Ommna Marija Santissima tal-Konsagrazzjoni, u Ġuża Mifsud (Għamel kontribuzzjoni għall-Kappella).

## 6. G.A. minn Għawdex kitbet fit-tul

"Jiena fil-Milied (1998) kont bgħattlek ittra biex titolbu għar-raġel tat-tifla li kien St. Luke's għal operazzjoni.

Jien kont sibt is-santa ta' Ġuża Mifsud l-isptar u qrajt dawk il-fuljetti u tlabt ħafna lil Ġuża Mifsud.

Ftit qabel il-Milied kien għamel operazzjoni għaliex f'Lulju kiser siequ u wara sitt ġimgħat fil-ġibs reġa' mar l-isptar biex ineħħulu il-pin u sabulu d-demm baxx. Għamlulu l-istrument u sabulu bħal felula fl-imsaren. X'ħin fetħuh, qabel il-Milied, il-felula ma sabhiex il-professur. F'Jannar reġa' għamillu l-istrument f'St. Luke's u din il-felula sabielhu in-naħa l-oħra u mhux fejn qalulu mill-isptar ta' Għawdex. Kellu jerġa' joperah u neħħihielu. Irriżulta li dik li kienet qisa felula kienet "kancer fil-bidu tiegħu", u qatt ma kien muġugħ.

Wara li erġajna morna l-isptar, il-professur eżaminah u kien kuntent li sab kollox sew.

Alla ippermetta li r-raġel tat-tifla jikser siequ għax kieku ma kinux jindunaw bil-kanċer."

## 7. Rapport ta' Mary Falzon minn B'Kara

"Inkwetajt ħafna meta rajt xi sinjali mhux tas-soltu fis-saħħa tiegħi. Ħsibt li għandi xi marda serja. Naqqast anke mill-ikel għax marli l-aptiti. Kont nitla' ta' sikwit fil-Ħdud mal-familjari tiegħi fil-Girgenti nitlob lill-Madonna, barra mil-laqgħat ta' l-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar,



Jiena nemmen li dik il-Madonna fiha "ħafna spirtu" kif kienet tgħid l-għażiża Ġuża Mifsud. Fiha nara wkoll l-Omm helwa tagħna. Kont nitlob u nitlob biex il-Madonna teħlisni minn xi marda qalila. Is-sinjali baqgħu ikomplu; għalhekk mort għand speċjalista. Wara l-eżami mediku, dan bagħatni għand il-professur. Wara tlettax-il test taħt il-loppju, irriżulta li kelli biss "infjammazzjoni fil-musrana". Il-professur tani ftit pilloli u qalli li m'hemmx għalfejn nerġa' mmur għal xi vista oħra għax kollox ser ikun sew.

Kollox mar sew u ebda sinjal ieħor ma rajt iżjed. Nirringrazzja lil din "is-Sinjura tal-Ħajja", li vera tatni ħajja ġdida ta' serħan u ferħ.

Bħala radd ta' ħajr se nagħmel "private" b'xejn biex immorru l-Girgenti nitolbu u nqassam ftit santi tal-Konsagrazzjoni.

## 8. Rapport ta' G. Schembri mis-Siġġiewi

Jiena kelli bżonn nagħmel operazzjoni. L-għada tal-operazzjoni qabditni rogħda kbira f'idejja u saqajja. Domt xahrejn dejjem nirtogħod.

Jiena mhux l-ewwel darba li mort il-Girgenti; imma mbagħad bdejt immur iktar mis-soltu, nitlob lill-Madonna tfejjaqni għax kont nistħi noħroġ barra.

Wara xahrejn ir-rogħda bdiet tonqos u issa (April 1999) li għaddew tliet xhur u nofs ir-rogħda marret għal kollox. Anke mort għaċ-"check-up" l-isptar, ukoll it-tabib qalli li m'għandix għalfejn immur iżjed.

Nirringrazzja lill-Madonna għall-fejqan tiegħi.

## 9. Rapport ta' Carmela Gatt

Jiena, Carmela, nanna, wara li kellna laqgħa il-Girgenti, f'Marzu 1999, mort għand il-familja tat-tifel u ħadt miegħi flixkun ilma tal-Madonna. Kellhom lit-tifel, Christian Gatt, bid-deni għal xi ġimagħtejn.

Jien għamiltlu salib fuq moħħu u tajtu jixrob l-ilma li ġibt miegħi u għedtlu li l-Madonna se tfejqu. U hekk ġara. L-għada mort għandhom, omm it-tifel qaltli li ma kellux deni u li ħariġlu ħafna għaraq. Qaltli wkoll li d-deni qatt ma ħalla t-tifel f'hekk qasir żmien.

Darba oħra dan it-tifel (ta' erba' snin) beda jirremetti. Sa l-isptar haduh. Meta ħareġ baqa' jirremetti. Jien ftakart fl-ilma tal-Madonna u t-tifel beda jixrob minnu u qal lil ommu: "Ma, issa jgħaddili!"

Meta jiġi għandi jgħidli; "Nanna, tini l-ilma tal-Madonna, għax dak ifejjaqni!"

Grazzi ħafna, Madonna!

* * * * * *